# Taħriġ Addizzjonali ma' lezzjoni 1.6

# " Kont Bil-Ġuħ u Tmajtni "

*"Konna nqattgħu sigħat sħaħ fix-xelter nitolbu ħerqana lill-Madonna biex teħlisna mill-għawġ.Imbagħad x'ħin jgħaddi l-attakk konna noħorġumħassba. Tgħid lil min messet illum ?*

*Kemm kien beka jaħasra Ġamri. F'temp ta' minuti d-dar kienet saritlu borġ ġebel. U bħalu kien hemm Toni... u Karmenu... u Ġużeppi."*

**"X'kontu tieklu nann fi żmien il-gwerra?"**

*"Tgħid mhux xi platt ħaxix imħawwar kif tieklu llum! Dawk li kienu jifilħu kienu jmorru jfittxu qalb it-tifrik biex forsi nimlew  l-istonku. Ġieli kienet tidħkilna x-xorti... u niddubaw xi landaw laħam mingħand l-Ingliżi. Darba jaħasra in-nannu kien idobba żwwġt ibċieċen nexfin għuda. Kont domt insajjar fihom ġimgħa sħiħa..."*

**Ma kienx ikollkom ħobż?**

*"Is-sinjur kien japprofitta ruħu mill-fqir u jbigħ id-dqiq bi prezz għoli ħafna. Għalkekk il-ħobż kien għal min kien jiflaħ iħallas. Imma meta xi ħadd kien jiddobba xi loqma, kulħadd idur qaqoċċa u naqsmuha f'elf biċċa. Konna qisna rbaħna l-lotterija, avolja żaqqna kienet tibqa' tgorr... Imma konna maqgħudin. Naqsmu bħall-aħwa"*

Imbagħad x'ġara Nann ? Kif irnexxilkom tgħixu bla ma tmutu bil-ġuħ?"

*" Il-Madonna, binti, semgħet it-talb tal-Maltin. Kien propju lejlet il-festa tagħha meta deher mill-bogħod konvoj mimli ikel... Kienet salvatna!"*

*Wieġeb:*

1. Minn din is-silta kif naraw li l-Maltin kienu jgħixu ma' xulxin fi żmien il-gwerra?
2. Xi ġrajja nsibu mit-Testment il-Ġdid fejn il-Maltin urew li dejjem kienu poplu ġeneruż, anke mal-barrani?
3. Illum taħseb li l-Maltin għadhom ġenerużi ma' min hu inqas ixxurtjat minnhom? Semmi xi eżempji?